That a remaining credit amount exists in favour of the condominium Kortin Park and this includes the capital, fees and interests and therefore the amount of €1467.54 deposited by BNF Bank plc as well as the balance of €674.60 deposited by BOV plc should be withdrawn in favour of the same condominium.

Hence, the applicant requests to this Court to authorise the withdrawal of the monies deposited under its Authority in the acts of the cited schedule of deposit and this according to those provisions that the Court deems proper and appropriate.

The Court ordered the notification to the respondent with five (5) days for a reply.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today Wednesday, 29th of October, 2025

GAETANA AQUILINA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

2728

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tas-16 ta' Ottubru, 2025, u dan wara Rikors b'numru 993/2025, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel il-korrezzjoni jew annotazzjoni mitluba sabiex fuq l-Att tat-Twelid ta' Roxanne Agius meta dan jiġi biex ikun reġistrat f'Malta, kunjom ir-rikorrenti jiġi mibdul b'annotazzjoni minn 'Watler' għal 'Agius'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum l-Erbgħa, 22 ta' Ottubru, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 16th October, 2025, and upon an application numbered 993/2025, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the necessary correction or annotation so that on the Act of Birth of Roxanne Agius, when it is to be registered in Malta, the surname of the applicant is amended by annotation from 'Watler' to 'Agius'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Wednesday, 22nd October, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2729

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-10 ta' Lulju, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 493/2025DC, fl-ismijiet: Bank of Valletta plc vs Richard

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 10th July, 2025, in the records of the Sworn application number 493/2025DC, in the names: Bank of

Ellul, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Bank of Valletta plc (C2833) vs Richard Ellul (50881M) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-19 ta' Mejju, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tawtorizzaha tesegwixxi s-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-6 ta' Lulju, 2007, fl-ismijiet 'Bank of Valletta plc vs Richard Ellul', Ċitazzjoni numru 953/2005GC, bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-intimat.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 493/2025DC fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għal-11 ta' Novembru, 2025, fl-10.00 a.m.

Notifika Intimat: Richard Ellul (50881M), 17, Triq Santa Liena, Birkirkara

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Ottubru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Valletta plc vs Richard Ellul, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Bank of Valletta plc (C2833) vs Richard Ellul (50881M) filed in the Civil Court, First Hall, on the 19th May, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Authorise it to execute the judgement given by this Honourable Court on the 6th July, 2007, in the names "Bank of Valletta plc vs Richard Ellul', Writ of Summons number 953/2005GC, with costs of this instance against the respondent.

The Sworn application number 493/2025DC in the names mentioned above is postponed to 11th November, 2025, at 10.00 a.m.

Notification respondent:Richard Ellul (50881M), 17, Triq Santa Liena, Birkirkara

Registry of the Superior Courts, today 29th October, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2730

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-7 ta' Awwissu, 2025, fuq rikors ta' Demar Properties Limited (C34534) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 3 ta' Frar 2026 fil-ħdax ta' filgħodu (11:00 a.m.) għall-bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78, biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-blokka ta' sitt appartamenti bl-arja relattiva, b'żewġ entraturi numerati mija u erbgħa (104) u mija u sebgħa (107) inkluż ż-żewġ garaxxijiet numerati mija u ħamsa (105) u mija u sitta (106) magħrufa bħala 'Highway Buildings' Telgħet ix-Xemxija, Ix-Xemxija, esklużi minn din l-istima l-appartamenti proposti numru disgħa (9) u għaxra (10) kif ukoll garaxx immarkat bi numru sebgħa (7) fl-istess blokka, liberu u frank minn kull ċnus, servitù u ipoteki u drittijiet oħra ta' terzi skont il-kuntratt tal-bejgħ datat id-disgħa ta' Lulju tas-sena elfejn u għoxrin (9.7.2020) fl-atti tan-Nutar Alexia Farrugia stmati li jiswew miljun u tmien mitt elf ewro (€1,800,000).

Din il-blokka tikkonsisti f'żewġ garaxxijiet fil-pjan terran u sovrapost hemm żewġ appartamenti kull sular u l-appartamenti huma aċċessati minn taraġ komuni u l-istess blokka hija konfinanti mit-Tramuntana ma' proprjetà numru mija u tmienja (108), mil-Lvant ma' Telgħet ix-Xemxija,

By decree given by the Civil Court, First Hall, on 7th August, 2025, on the application of Demar Properties Limited (C34534), Tuesday, 3rd February, 2026, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room number 78, nearby the Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The block of six apartments with the relative airspace, with two entrances numbered one hundred and four (104) and one hundred and seven (107) including two garages numbered one hundred and five (105) and one hundred and six (106) known as 'Highway Buildings' Telgħet ix-Xemxija, Xemxija, excluding from this valuation the proposed apartments number nine (9) and ten (10) as well as a garage marked number seven (7) in the same block, free and unencumbered from any burdens, servitudes and hypothecs and other third parties rights according to the contract of sale dated 9th July of the year two thousand and twenty (9.7.2020) in the acts of Notary Alexia Farrugia valued at one million and eight hundred thousand euro (€1,800,000).

This block consists of two garages on the ground floor level and overlying two apartments on each floor and the said apartments are accessible by a common stairs and the same block is bounded on the north by property numbered one hundred and eight (108), on the east by Telgħet ix-

min-Nofsinhar ma' Wembley House u mill-Punent ma' irjieħ mhux magħrufa u bil-permess maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar PA/11105/17 biex titwaqqa' il-binja eżistenzi u jsir l-iżvilupp skont il-permess mitlub.

L-imsemmija proprjetà hija proprjetà ta' Francesco Rugeri (KI 197316A).

N.B. L-imsemmija proprjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta fl-atti tas-subbasta 36/2021.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 28 ta' Ottubru, 2025

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Xemxija, on the south by Wembley House and on the west by unknown boundaries and with the permit issued by the Planning Authority PA/11105/17 to demolish the existing block and carry out the development in accordance with the requested permit.

The said property is the property of Francesco Rugeri (ID 197316A).

N.B. The said property will be sold as described in the acts of judicial sales number 36/2021.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 28th October, 2025

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2731

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), fl-20 ta' Ottubru, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 299/2025GG, fl-ismijiet: Salvina sive Sylvia Cutajar et vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Salvina sive Sylvia Cutajar (804647M) et vs l-Avukat tal-Istat et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fit-8 ta' Awwissu, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li fil-konfront tar-rikorrenti l-fatti suesposti u l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009, bl-operazzjonijiet tal-liġijiet viġenti ngħata d-dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-inkwilin Saviour sive Sunny Bonnici (438446M) fil-fond 18, Triq Sant'Ursola, L-Isla, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti inter alia fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u b'hekk għar-raġunijiet esposti u dawk li se jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti għandhom jingħataw ir-rimedji kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa fiċ-ċirkostanzi;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni sija pekunjarji u nonpekunjajri oltre l-imgħax legali sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Art. 3, 4, 6 u 9 tal-Kap. 69 u l-Att X tal-2009 tal-Liġijiet ta' Malta talli ma nżammx bilanċ u proporzjon bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilin peress illi l-kera pagabbli a tenur tal-liġijiet viġenti

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction), on the 20th October, 2025, in the records of the Sworn application number 299/2025GG, in the names: Salvina sive Sylvia Cutajar et vs State Advocate et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Salvina sive Sylvia Cutajar (804647M) et vs State Advocate et filed in the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction) on the 8th August, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare and decide that in regard to the applicant the facts above mentioned and the operations of the Ordinance regulating the renewal of the Lease of the Building or rather the Head. 69 of the Laws of Malta and Act X of 2009, with the operations of the Laws in force, the right of indefinite relocation was given to the lessee Saviour sive Sunny Bonnici (438446M) in the premises 18, Triq Sant'Ursola, Senglea, and this in violation of the fundamental rights of the applicants as sanctioned inter alia in the First Article of the First Protocol of the European Convention, and thus for the reasons exposed and those that shall result during the pleadings of this application, the applicants should be given all the remedies that this Honourable Court deems fit in the circumstances;

2. Declare and decide that the respondent State Advocate is responsible for compensation and damages SIA pecuniary and non-pecuniary besides the legal interest suffered by the applicant as a consequence of the operations of Art. 3, 4, 6 and 9 of Cap. 69 and Act X of 2009 of the Laws of Malta for not keeping a balance and a ratio between the rights of the owners and those of the lessee as the rent payable in terms of

ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizzju tal-proprjetà inkwistjoni wkoll ai termini tal-liġi;

//////////

3. Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u nonpekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti, oltre l-imgħax legali ai termini tal-liġi;

4. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat jħallas l-istess kumpens u danni pekunjarji u nonpekunjarji likwidati ai termini tal-liġi; bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-6 ta' Novembru, 2025, fid-9:15a.m.

Notifika Intimat: Saviour sive Sunny Bonnici (438446M), 18, Triq Sant' Ursola, Isla

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Ottubru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the vigorous laws does not reflect the market and lease value of the property in question also in terms of law;

3. Liquidate the same compensation and pecuniary and non-pecuniary damages as suffered by the applicants, besides legal interest in terms of law;

4. Condemn the respondent State Advocate to pay the same compensation and liquidated pecuniary and non-pecuniary damages in terms of law; with legal interest from the date of filing of the present application till the date of effective payment;

With all costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number in the names mentioned above is postponed to 6th November, 2025, at 9:15a.m.

Notification respondent: Saviour sive Sunny Bonnici (438446M), 18, St. Ursola Street, Senglea

Registry of the Superior Courts, today 29th October, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2732

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), fis-16 ta' Lulju, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 207/2025, fl-ismijiet: Anthony Camilleri pro et noe et vs L-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Anthony Camilleri (212451M) pro et noe et vs l-Avukat tal-Istat et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fit-2 ta' Ġunju, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-fatti su esposti, il-lokazzjoni tal-fond 5, 118, Triq Zekka, Il-Belt Valletta u l-provvedimenti tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tal-Att X tal-2009, b'mod partikolari iżda mhux limitatament għall-artikolu 1531C tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u liġijiet oħra viġenti jledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni pekunjarji u nonpekunjarji sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction), on the 16th July, 2025, in the records of the Sworn application number 207/2025, in the names: Anthony Camilleri pro et noe et vs the State Advocate et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Anthony Camilleri (212451M) pro et noe et vs the State Advocate et filed in the Civil Court, First Hall (Constitutional Jurisdiction) on the 2nd June, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare and decide that the facts above mentioned, the lease of the premises 5, 118, Triq Zekka, Valletta and the provisions of Cap. 69 of the Laws of Malta, as well as of Act X of 2009, in particular but not limitedly to Article 1531C of Cap. 16 of the Laws of Malta, and other vigorous laws violate the fundamental rights of the applicants as sanctioned in Article 37 of the Constitution of Malta, and in Article 1 of the First Protocol to the European Convention;

2. Declare and decide that the respondent State Advocate is responsible for compensation and pecuniary and non-pecuniary damages suffered by the applicants as

leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom kawża tal-fatti spjegati fejn inter alia ma ġiex ikkreat bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini, state li l-lokazzjoni sfurzata a tenur tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009, fost infrazzjonijiet oħra, ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizzju tal-proprjetà inkwistjoni;

3. Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u nonpekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti;

4. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrenti l-istess kumpens u danni pekunjarji u nonpekunjarji hekk kif likwidati, bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 207/2025 fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għad-19 ta' Novembru, 2025, fil-11.20 a.m.

Notifika Intimat: Simon Joseph Trapiano (64542G), Flat 5, 118, Triq Zekka, Il-Belt Valletta

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Ottubru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

a consequence of the violation of their fundamental rights due to the facts explained where inter alia a fair balance was not created between the rights of the owner and those of the lessees, state that the lease was forced in terms of Cap. 69 of the Laws of Malta and Act X of 2009, amongst other offences, does not reflect the market nor the rental value of the property in question;

3. Liquidate the same compensation and pecuniary and non-pecuniary damages as suffered by the applicant;

4. Condemn the respondent State Advocate to pay the applicant the same compensation and pecuniary and non-pecuniary damages as liquidated, with legal interest till the date of effective payment;

With all costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 207/2025 in the names mentioned above is postponed to 19th November, 2025, at 11.20 a.m.

Notification respondent: Simon Joseph Trapiano (64542G), Flat 5, 118, Triq Zekka, Valletta

Registry of the Superior Courts, today 29th October, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2733

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), fis-26 ta' Awwissu, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 296/23LM, fl-ismijiet: Elton Joseph Caruana et vs l-Avukat tal-Istat, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Elton Joseph Caruana (137275M) et vs l-Avukat tal-Istat ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fl-1 ta' Ġunju, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li, fil-konfront tar-rikorrenti, il-fatti suesposti u l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009, kif ukoll tal-Artikolu 1531D u 1531I tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta, bl-operazzjonijiet tal-Liġijiet viġenti, qegħdin jagħtu dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-intimati Bernardette Licari, Paul Licari, Joseph Licari, Vincent Licari, Michael Licari u Ignatius Licari, għall-Fond kummerċjali numru tmienja (8) gja

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction), on the 26th August, 2025, in the records of the Sworn application number 296/23LM, in the names: Elton Joseph Caruana et vs the State Advocate, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Elton Joseph Caruana (137275M) et vs the State Advocate filed in the Civil Court, First Hall (Constitutional Jurisdiction) on the 1st June, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare and decide that, against the applicant, the facts above mentioned and the operations of the Ordinance regulating the renewal of the Lease of the Building or rather Cap. 69 of the Laws of Malta and Act X of 2009, as well as of Article 1531D and 1531I of the Civil Code of the Laws of Malta, with the operations of the vigour Laws, they are granting an indefinite right of relocation to the respondents Bernardette Licari, Paul Licari, Joseph Licari, Vincent Licari, Michael Licari and Ignatius Licari, for the

numru ħmistax (15), Paola Hill, Paola, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti, inter alia, fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u b'hekk, għar-raġunijiet fuq esposti u dawk li se jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, ir-rikorrenti għandhom jingħataw ir-rimedji kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi;

2. Tiddikjara nulli u mingħajr effett l-Artikolu 1531D u1531I tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta, jew liema minnhom, inkwantu jilledu d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-Fond kummerċjali numru tmienja (8) ġja numru ħmistax (15), Paola Hill, Paola;

3. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għall-kumpens u danni, kemm pekunjarji u nonpekunjarji, inkluż danni morali, sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009 kif ukoll tal-Artikolu 1531D u1531I tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta talli ma nżammx bilanċ u proporzjon bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilini peress li l-kera pagabbli a tenur tal-liġijiet viġenti ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizzju tal-proprjetà inkwistjoni ai termini tal-liġi;

4. Tillikwida l-istess kumpens u danni kemm pekunjarji u nonpekunjarji, inkluż danni morali, kif sofferti mir-rikorrenti, wkoll ai termini tal-liġi;

5. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni kemm pekunjarji u nonpekunjarji, inkluż danni morali, likwidati ai termini tal-liġi, bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagament;

6. Tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti, u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hekk kif garantiti skont il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, inter alia billi tiddijkara u tiddeċiedi li r-rikorrenti m'humiex obbligati jġeddu l-kirja tal-Fond kummerċjali numru tmienja (8) ġja numru ħmistax (15), Paola Hill, Paola, lill-intimati Bernardette Licari, Paul Licari, Joseph Licari, Vincent Licari, Michael Licari u Ignatius Licari u tiddikjara għalhekk illi r-rikorrenti huma intitolati jirriprendu l-pussess sħiħ tal-istess fond kummerċjali numru tmienja (8) ġja numru ħmistax (15), Paola Hill, Paola;

commercial premises number eight (8) previously number fifteen (15), Paola Hill, Paola, and this in violation of the fundamental rights of the applicants as sanctioned, inter alia, in Article 37 of the Constitution of Malta and the First Article of the First Protocol of the European Convention and thus, for the reasons above exposed and those which shall result during the hearing of this cause, the applicants are to be given all the remedies that this Honourable Court deems fit in the circumstances;

2. Declare null and without effect Article 1531D u1531I of the Civil Code of the Laws of Malta, or which of them, in so far as they violate the fundamental and constitutional rights of the applicants for the enjoyment of the commercial premises number eight (8) previously number fifteen (15), Paola Hill, Paola;

3. Declare and decide that the respondent State Advocate is responsible for the compensation and damages, both pecuniary and non-pecuniary, including moral damages, suffered by the applicants as a consequence of the operations of Cap. 69 of the Laws of Malta and Act X of 2009 as well as of Article 1531D u1531I of the Civil Code of the Laws of Malta for not keeping a balance and a ratio between the rights of the owners and those of the lessees as the rent payable a tenor of the vigorous laws does not reflect the market nor the rental value of the property in question in terms of law;

4. Liquidate the same compensation and damages both pecuniary and non-pecuniary, including moral damages, as suffered by the applicants, also in terms of law;

5. Condemn the respondent State Advocate to pay the same compensation and damages both pecuniary and non-pecuniary, including moral damages, liquidated in terms of law, with legal interest from the date of filing of the present application till the date of effective payment;

6. Give those orders, issue those acts, and give such directives as it deems fit to carry out or ensure the fulfilment of the fundamental rights of the applicants as guaranteed according to the Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms, inter alia by diminuting and deciding that the applicants are not obliged to renew the lease of commercial premises number eight (8) or number fifteen (15), Paola Hill, Paola, to the respondents Bernardette Licari, Paul Licari, Joseph Licari, Vincent Licari, Michael Licari and Ignatius Licari and declare thus that the applicants are entitled to take back the full possession of the same commercial premises number eight (8) previously number fifteen (15), Paola Hill, Paola;

7. Konsegwentement tordna l-iżgumbrament fi żmien qasir u perentorju tal-intimati Bernardette Licari, Paul Licari, Joseph Licari, Vincent Licari, Michael Licari u Ignatius Licari mill-Fond kummerċjali numru tmienja (8) gja numru ħmistax (15), Paola Hill, Paola, oltre rimedji oħra li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa sabiex tassigura li r-rikorrenti jiġu rrintegrati fil-pussess sħiħ u godiment reali ta' ħwejjiġhom;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 296/23LM fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għad-19 ta' Novembru, 2025, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Maria Concetta Licari, Flat 2, Triq il-Ġiżimina, Binja K, Entrance B, Ħaż-Żabbar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Ottubru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

7. Consequently order the eviction within a short and peremptory period of the respondents Bernardette Licari, Paul Licari, Joseph Licari, Vincent Licari, Michael Licari and Ignatius Licari from the commercial premises number eight (8) previously number fifteen (15), Paola Hill, Paola, besides other remedies that this Honourable Court deems fit to ensure that the applicants are integrated in the full possession and real enjoyment of their belongings;

With all costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn Application number 296/23LM in the names mentioned above is postponed to 19th November, 2025, at 9.00 a.m.

Notification respondent: Maria Concetta Licari, Flat 2, Triq il-Ġizimina, Building K, entrance B, Ħaż-Żabbar

Registry of the Superior Courts, today 29th October, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2734

B'diġriet tal-21 ta' Ottubru, 2025, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodici tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited (C8692) fit-22 ta' Lulju, 2025, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' elfejn, erba' mija u tmienja u tletin ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€2,438.92), liema ammont jeskludi l-ispejjeż legali u l-imgħax wara depożitu permezz ta' Ċedola numru 1402/25 wara l-mandat ta' sekwestru 705/2018 fl-ismijiet:

Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited (C 8692) vs Marlon Bonello (KI 25783M)

Il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti bi żmien ġimgħa għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum l-Erbgħa, 29 ta' Ottubru, 2025

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 21st of October, 2025, given by the Magistrates Court (Malta) ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited (C8692) on the 22nd July, 2025, is requesting the withdrawal of the amount of two thousand, four hundred and thirty eight euro and ninety two cent (€2,438.92) which amount excludes the legal fees and the interests, after a deposit in Schedule of Deposit number 1402/25 after garnishee order 705/2018 in the names of:

Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited (C 8692) vs Marlon Bonello (ID 25783M)

The Court ordered the notification to the counterparty with one week to reply.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today Wednesday, 29th October, 2025

GAETANA AQUILINA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

2735

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-13 ta' Ottubru, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 401/2025MS, fl-ismijiet: Laguna Property Development Limited et vs Spin Properties Limited, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Laguna Property Development Limited (C91135) et vs Spin Properties Limited (C101394) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-22 ta' April, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjetà intimata hija unikament responsabbli għall-ħsarat u spejjeż oħra sofferti mis-soċjetajiet rikorrenti stante li ma osservatx id-distanza ta' sebgħa u sittin ċentimetru (76cm) imposta mil-liġi senjatament mill-Artikolu 439 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, meta din wettqet xogħlijiet ta' tħaffir u tħammil u/jew skavar fil-proprjetà adjaċenti għal dik tas-soċjetajiet rikorrenti u ċoè bejn il-fondi 84, Triq George Borg Olivier, San Ġiljan, u tal-fond 150, Triq il-Kbira, San Ġiljan tas-soċjetà intimata, u l-fondi 149, Triq il-Kbira, San Ġiljan, u tal-fondi 86/87, Triq George Borg Olivier, San Ġiljan, tas-soċjetajiet rikorrenti;

2. Tordna u tikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex a spejjeż tagħha, fi żmien qasir u perentorju li jkun iffissat għal dan il-għan, tirrintegra d-distanza legali minn mal-ħajt diviżorju tal-proprjetà tas-soċjetajiet rikorrenti, billi fost oħrajn tirrilaxxja bil-pussess vakanti favur is-soċjetajiet rikorrenti l-proprjetà tagħhom illegalment invaża minnha, tneħħi kull żvilupp illegali li għamlet, kemm fil-korp tal-ħajt diviżorju u anke mal-istess ħajt f'distanza anqas minn dik stabbilita mil-liġi, b'okkorrendo bl-intervent u taħt id-direzzjoni ta' periti nominandi;

3. Fin-nuqqas li tali rientegrazzjoni ma tistax issir, tordna u tikkundanna lis-soċjetà intimata, sabiex twettaq a spejjeż tagħha kwalsijasi xogħol jew intervent intiż sabiex jerġa' jissaħħaħ is-sottoswol u sabiex tiżgura l-integrità u s-sigurtà tal-fondament/pedamenti de quo u li l-periti nominati minn din l-Onorabbli Qorti sabiex hekk jirrelataw jogħġobhom jirrakkomandaw, bil-għan li tiġi żgurata l-istabbilità tal-fond tas-soċjetajiet rikorrenti;

4. Tordna illi, fin-nuqqas li dawn ix-xogħlijiet isiru mis-soċjetà intimata, dawn ix-xogħlijiet isiru mis-soċjetajiet

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 13th October, 2025, in the records of the Sworn application number 401/2025MS, in the names: Laguna property Development Limited et vs Spin properties Limited, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Laguna property Development Limited (C91135) et vs Spin properties Limited (C101394) filed in the Civil Court, First Hall, on the 22nd April, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare and decide that the respondent company is solely responsible for the damages and other expenses suffered by the applicant companies since it did not observe the distance of sixty seven centimetres (76 cm) imposed by law especially by Article 439 of Cap. 16 of the Laws of Malta, when it carried out excavation works and dredging and/or excavation in the property adjacent to that of the applicant companies and namely between the premises 84, Triq George Borg Olivier, St Julian's, and of the premises 150, Triq il-Kbira, St Julian's of the respondent company, and the premises 149, Triq il-Kbira, St Julian's, and of the premises 86/87, Triq George Borg Olivier, St Julian's, of the applicant companies;

2. Order and condemn the respondent company to integrate at its own expense, within a short and peremptory period to be fixed for this purpose, the legal distance from the dividing wall of the property of the applicant companies, by inter alia releasing with vacant possession in favour of the applicant companies their property illegally invaded by it, removing any illegal development it has made, both in the body of the partition wall and also with the same wall at a distance less than that established by law, with the intervention and under the direction of nominated architects;

3. In default that such reinstatement cannot be made, order and condemn the respondent company, to carry out at its own expense any work or intervention intended to re-strengthen the subsoil and to ensure the integrity and security of the foundation/foundations de quo and that the referees appointed by this Honourable Court so to relate recommend, with the aim of ensuring the stability of the premises of the applicant companies;

4. Order that, in default that these works be carried out by the respondent company, these works are carried out by the

rikorrenti, taħt is-superviżjoni u l-istruzzjoni ta' perit nominat minn din l-Onorabbli Qorti, bi spejjeż tas-soċjetà intimata;

5. Tiddikjara, tiddeċiedi u tordna li f'każ li s-soċjetà intimata trid tkompli bl-iżvilupp ediliżju fil-proprjetà akkwistata minnha, din għandha tagħmel dan wara li tibni fuq in-naħa tagħha ħajt għaliha, u dan sabiex l-istabbiltà tal-bini li għad irid isir fuq in-naħa tal-proprjetà tas-soċjetajiet rikorrenti, dan aktar u aktar li diġà tqatta' l-blat, filwaqt li kwalunkwe kostruzzjoni proġettata mis-soċjetà intimata għandha taderixxi u tikkonferma mal-limitazzjonijiet inerenti fis-servitù tal-altius non tollendi li tgawdi unikament is-soċjetà rikorrenti Laguna Property Development Limited;

6. Illi fl-agħar ipotesi kemm-il darba jirriżulta li x-xogħlijiet ta' rintegrazzjoni kif mitluba skont it-talbiet numri tnejn (2), tlieta (3), erbgħa (4) u /jew ħamsa (5) ma jkunux possibbli, tillikwida okkorrendo bil-ħatra ta' periti nominandi, il-ħlas tad-danni dovuti lis-soċjetajiet rikorrenti sabiex jiġu riintegrati fil-konfront tat-tnaqqis fil-patrimonju tagħhom anke minħabba t-tnaqqis fil-valur tal-proprjetà tagħhom u dan dejjem minħabba n-nuqqas tas-soċjetà intimata li tħares id-distanzi legali;

7. Tordna lis-soċjetà intimata tħallas dawk id-danni hekk likwidati kif mitluba skont it-talbiet preċedenti, fi żmien qasir u perentorju;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 401/2025MS fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-1 ta' Diċembru, 2025, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Spin Properties Limited (C101394), Cattleya, Triq in-Narċis, Il-Madliena, Is-Swieqi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' Ottubru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

applicant companies, under the supervision and instruction of an Architect appointed by this Honourable Court, at the expense of the respondent company;

5. Declare, decide and order that in case the respondent company wants to continue with the edictical development in the property acquired by it, it should do this after building on its side a wall for itself, and this so that the stability of the building which still has to be done on the side of the property of the applicant companies, this especially that it already clears the rocks, whereas any construction projected by the respondent company should adhere and confirm with the limitations inherent in the servitude of the Altius non tollendi which only the applicant company Laguna property Development Limited enjoys;

6. That in the worst hypothesis if it results that the reinstatement works as demanded according to the demands numbers two (2), three (3), four (4) and/or five (5) are not possible, liquidate if necessary with the appointment of nominated architects, the payment of damages due to the applicant companies in order to be reinstated against the decrease in their patrimony also due to the decrease in the value of the their property and this always due to the failure of the respondent company to observe legal distances;

7. Order the respondent company to pay the damages so liquidated as demanded according to the previous demands, within a short and peremptory period;

With all costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 401/2025MS in the names mentioned above is postponed to 1st December, 2025, at 9.00 a.m.

Notification respondent: Spin properties Limited (C101394), Cattleya, Triq in-Narċis, Madliena, Swieqi

Registry of the Superior Courts, today 30th October, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2736

ARB/C019/2023 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-15 ta' Settembru, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala

ARB/C019/2023 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 15th October, 2025, given by the Court of Magistrates (Malta)

Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Rachel Montebello, LLD). Kumpilazzjoni Numru 159/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

CLAIRE-MARIE SCICLUNA, ta' 44 sena, bint il-mejjet Mario Scicluna u Dolores Maria Scicluna xebba Muscat, imwielda San Ġiljan, Malta, fl-24 ta' April, 1979, u residenti ġewwa 115, 'Ruby', Triq Rużar Briffa, Il-Mosta, u detentriċi ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 317179M.

Il-Qorti AWTORIZZAT lil CLAIRE-MARIE SCICLUNA sabiex tħallas is-somma ta' tliet mija u tnejn u disgħin ewro u ħdax-il ċenteżmu (€392.11) lil Atlas Insurance PCC Limited, li tirrappreżenta t-tiġdid tal-polza tal-assigurazzjoni bin-numru 254103 503 001, il-liċenzja u spejjeż relatati mal-vettura msemmija fid-digriet tal-Qorti datat 15 ta' Ottubru, 2025.

Il-Qorti AWTORIZZAT ukoll lil Atlas Insurance PCC Limited sabiex tirċievi mingħand CLAIRE-MARIE SCICLUNA s-somma msemmija ta' tliet mija u tnejn u disgħin ewro u ħdax-il ċenteżmu (€392.11) għar-raġunijiet fuq imsemmija.

Is-somma ta' tliet mija u tnejn u disgħin ewro u ħdax-il ċenteżmu (€329.11) għandha titqies bħala parti mis-somma li CLAIRE-MARIE SCICLUNA hija awtorizzata tirċievi annwalment fis-somma ta' wieħed u għoxrin elf, disa' mija u ħamsa u erbgħin ewro (€21,945).

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 36 (4) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott Rachel Montebello, LLD) fil-25 ta' Mejju, 2023, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-2 ta' Ġunju, 2023, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' CLAIRE-MARIE SCICLUNA.

Illum 29 ta' Ottubru, 2025

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD). Compilation Number 159/2021, in the case:

The Republic of Malta

Versus

CLAIRE-MARIE SCICLUNA, 44 years, daughter of the late Mario Scicluna and Dolores Maria Scicluna née Muscat, born in St Julian's, Malta, on the 24th April, 1979, and residing at 115, 'Ruby', Triq Rużar Briffa, Mosta and holder of Maltese identity card bearing number 317179M.

The Court AUTHORISED CLAIRE-MARIE SCICLUNA to pay the sum of three hundred ninety-two euro and eleven cents (€392.11) to Atlas Insurance PCC Limited, representing the renewal of insurance policy number 254103 503 001, the road license, and expenses related to the vehicle mentioned in the Court decree dated 15th October, 2025.

The Court further AUTHORISED Atlas Insurance PCC Limited to receive from CLAIRE-MARIE SCICLUNA the said sum of three hundred ninety-two euro and eleven cents (€392.11) for the reasons mentioned above.

The amount of three hundred twenty-nine euro and eleven cents (€329.11) shall be considered as part of the amount that CLAIRE-MARIE SCICLUNA is authorised to receive annually in the sum of twenty-one thousand nine hundred forty-five euro (€21,945).

This variation is being published in terms of Article 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Article 36 (4) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD) on the 25th May, 2023, which was published in the Government Gazette on the 2nd June, 2023 where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to CLAIRE-MARIE SCICLUNA.

Today 29th October, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603